Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 363 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Norbert Ciappara

Vs

Publius Micallef

Raymond Bonello

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Publius Micallef u Raymond Bonello detenuri tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 435750 M u 412064 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Lulju 2001 u fl-ahhar xhur qabel din d-data:

a) assocjaw ruhom ma xi persuna jew persuni ohra f' dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokajina) f' dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew li jippromovu, jikkostitwixxu jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;

b) fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfronu jew li jipprokuraw d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna / i minghajr ma kellom licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 / 1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellom licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 / 1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 / 1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nakkuzaw lil Saviour Azzopardi wahdu talli f' dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Lulju, 2001 u fl-ahhar tlett snin qabel din d-data:

d) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis jew parti minnha n bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy)meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal - 1985 kif sussegwentament emendat u 40 (A) u 120 (A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

g) nakkuzaw ukoll lill Raymond Bonello, Savior Azzopardi u Sandro Psaila wahedhom talli bhala ufficjali pubblici kkomettew dawn ir-reati li huma kellhom d-dmir li jissorveljaw biex ma jsirux jew minhabba l-kariga taghhom huma kellhom id-dmir li jimpedixxu;

Nakkuzaw ukoll lill-Publius Micallef wahdu talli:

h) sar recidiv b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija fil-19/07/94.

Il-Qorti mitluba sabiex tissekwestra f' idejn terzi persuni b' mod generali il-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill jew ikunu imissu lill-akkuzati jew huma propjeta taghhom. Kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xorta' ohra jiddisponu minn xi propjeta mobbli jew immobbli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Lulju, 2017, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputati hatja ghaldqastant tilliberhom minn kull htija u piena

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 t' Awwissu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli sabiex tirriforma s-sentenza billi:

- tikkonferma l-liberatorja ta' Sandro Psaila tat-tieni u tat-tielet akkuzi migjuba kontra tieghu u l-liberatorja ta' Saviour Azzopardi tat-tieni sas-sitt akkuza fejn ir-raba sas-sitt akkuza huma indirizzati specifikatament lilu;
- Tikkonferma l-ezawriment tal-proêeduri kontra Joseph Grech fid-dawl tad-decess tieghu fil-mori tal-proceduri;
- Tikkonferma l-liberatorja ta' Raymond Bonello u Publius Micallef fir-rigward tat-tieni u tat-tielet akkuzi migjubin kontrihom;
- U tirrevokha fil-bqija fejn fir-rigward tal-ewwel akkuza ssib htija fil-konfront ta' Raymond Bonello u Publius Micallef, konsegwenzjalment bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Raymond Bonello kif ukoll l-addebitu tar-recidiva fil-konfront ta' Publius Micallef kif ipprospettati fl-akkuzi originali migjuba kontrihom u tipprosegwi billi tinfliggi l-piena idoneja skond il-ligijiet applikabbli fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, għamlet misinterpretazzjoni tal-liġi u tal-provi meta lliberat lill-imputati <u>Raymond Bonello</u> u <u>Publius Micallef</u> mill-ewwel

akkuża miġjuba kontrihom u konsegwenzjalment mill-addebiti konsegwenzjali għas-sejba ta' ħtija tal-istess skond kif riflessi fl-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom.

Illi preliminarjament l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti għal kull buon fini li dan l-appell jittratta limitatament il-liberatorja mill-ewwel akkuża miġjuba kontra l-appellati Raymond Bonello u Publius Micallef u konsegwenzjalment mill-addebitu tar-reċidiva fil-konfront ta' Publius Micallef u l-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward ta' Raymond Bonello. Għal dak li jirrigwarda l-appellati l-oħrajn senjatament Sandro Psaila u Saviour Azzopardi, allavolja debitament akkużati bl-istess imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali mhux ser jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati iżda mhux għar-raġunijiet kif elenkati mill-ewwel Qorti iżda minħabba n-natura tal-provi fil-konfront ta' dawn iż-żewġ persuni, senjatament minħabba n-nuqqas ta' waħda mill-elementi essenzjali għal dan ir-reat, fejn jidher mill-provi li semmai setgħa jkun hemm responsabbilta' kriminali fil-konront tagħhom fir-rigward pero' , ta' akkużi li ma ġewx dedotta kontrihom. Fir-rigward tal-bqija tal-akkużi fil-konfront tal-appellati kollha l-Avukat Ġenerali mhux ser jappella għad-deċiżjoni liberatorja li ngħatat u dan salv għall-addebiti fil-konfront ta' Micallef u Bonello kif imsemmija aktar kmieni f' dan l-appell.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit l-artikolu konċernanti l-assoċazzjoni fi traffikar fid-droga tinqara kif ġej :

***Kull min jssoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f' dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f' dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza (Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap***

***101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew li jippromuovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċazzjoni…ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza ;*** [1]

Illi skond l-ewwel Qorti l-prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi suffiċjenti ai fini tas-sejbien ta' ħtija, fosthom id-droga u l-persuna allegatament ta' nazzjonalita' Taljana li kellha tforni d-droga lill-appellati. Tajjeb qabel xejn jiġi ċċarat illi skond il-ftehim Sandro Psaila u Saviour Azzopardi kienu ser jiltaqgħu ma persuna Taljana f' nofs baħar fejn kien ser isir skambju ta' droga mal-flus li huma jkunu ġabbru minn Raymond Bonello u li hu da parti tiegħu kien ġabar minn persuni oħra involuti f' din l-assoċazzjoni li magħhom kien qed jinnegozja Publius Micallef. Issa rriżulta b' mod sorprendenti u inaspettat li it-tir li kellhom Sandro Psaila u Saviour Azzopardi ma kinitx l-importazzjoni tad-droga in kwistjoni iżda kellhom l-intenzjoni li jisirqu l-flus miġbura ammontanti għal Lm32,00 mingħand Raymond Bonello billi l-ewwel joqtlu lil Bonello meta jġibilhom il-flus. Dan il-fatt pero u dan il-ħsieb ma kienx magħruf la lil Raymond Bonello (li semmai kien ser ikun il-vittma f' idejn Psaila u Azzopardi) u wisq inqas lil Publius Micallef li da parti tiegħu lanqas kien jikkomunika ma Psaila u Azzopardi iżda li kien jikkomunika ma' Bonello kif ukoll ma dawk il-persuni li suppost kelhom jirċievu d-droga versu l-ħlas ta' Lm32,000 li kienu diġa taw lil Bonello biex jgħaddi l-istess lil Psaila u Azzopardi. Kwindi jidher li filwaqt li Psaila u Azzopardi kienu bidlu l-ħsieb tagħhom għal dak li jirrigwarda l-assoċazzjoni u għal liema raġuni allura l-persuna Taljana li suppost kellha ġġib id-droga baqgħet mistura, Bonello u Micallef kif ukoll persuni oħra, fosthom il-mejjet Joseph Grech, ma kienux konsapevoli dwar il-bidla fil-pjanijiet u filfatt baqgħu jirsistu sabiex jaċċertaw ruħhom li l-importazzjoni tirnexxi.

Illi b' referenza għal dak hawn fuq sottomess u b' kull rispett lejn is-sentenza tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda r-reat tal-assoċazzjoni il-kriterji msemmija fis-sentenza tal-Qorti u l-prova tagħhom mijiex rikjesta legalment sabiex jiġu ppruvati l-

[1] Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

element tar-reat in kwistjoni. Huwa biżżejjed li jiġi ppruvat ftehim bejn mill-inqas żewġ persuni lokalment jew barra minn Malta jew it-tnejn, dwar il-modalitajiet tal-pjan li lanqas jinħtieġ li jkun pjan sal-inqas dettal jew pjan preċiż. In oltre l-pjan in kwistjoni irid jirrigwarda reat kriminali. Lanqas hemm għalfejn li r-rwoli ta' min ikun involut f' din l-assoċazzjoni jkun definit bi preċiżjoni u lanqas hemm il-ħtieġa li dan il-pjan jiġi finalizzat jew jirnexxa. Huwa l-ftehim fiħ innifsu li qed jiġi punti hawnhekk. Infatti dawn l-elementi ġew riflessi b' mod ċar fis-sentenza fl-ismijiet **Republic of Malta v. John Steven Lewis Marsden** fejn intqal li *"... evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself."*[2] Relevanti wkoll għall-analiżi ta' l-elementi rikjesti huwa l-każ fl-ismijiet **Republic of Malta v. Steven John Caddick et** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Marzu 2003 fejn ġie ddikjarat is-segwenti:

*"… although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy. Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed* ***"from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101).***[3] *Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of*

[2] Qorti tal-Appell Kriminali – sentenza finali datata t-2 ta' Novembru 2009.
[3] Enfażi tas-sottoskritta.

*dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."*

Illi l-fatt waħdu li l-appellati Bonello u Micallef irsistew fl-aġir tagħhom apparti l-mens rea tagħhom li baqa li kien mill-bidu sa l-aħħar huma fatturi f' dan il-każ li ma jistgħux jiġu skartati jew injorati fl-evelwazzjoni tal-provi u tal-elementi tal-assoċazzjoni fi traffikar tad-droga. Fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm il-ftehim bejn iktar minn persuna waħda sabiex id-droga kokajina tiġi mportata ġo pajjiżna (Bonello u Micallef żgur u dan apparti l-mejjet Grech kif ukoll il-ko-awtur f' akkużi separati Briffa). Senjatament kemm Raymond Bonello kif ukoll Publius Micallef entrambi baqgħu, sakemm ġew arrestati mill-pulizija, involuti f' din l-assoċazzjoni bit-tir konxju li dan kien ser iwassal jew seta' jwassal għall-importazzjoni ta' droga illegali ġo pajjiżna u konsegwenzjalment għat-traffikar tal-istess. Nafu li l-flus in kwistjoni kienu inġabru u filfatt dakinhar li ġew arrestati l-appellati Bonello kien iltaqa ma Jason Manuel Briffa fejn għaddew il-flus u ' ssiġilawhom' . Jidher li l-pjan kien daħal fis-seħħ konsiderevolment, fejn allura dan l-aġir ma jistax jiġi skartat għas-sempliċi fatt li tnejn mill-appellati senjatament Psaila u Azzopardi, suppost ko-parteċipi f' din l-assoċazzjoni, biddlu l-ħsieb tagħhom u kellhom intenzjonijiet oħra, li allavolja xorta wadħa lleċiti, ma kienux jikkostitwixxu l-akkużi kif miġjuba f' dan il-każ. Mhuwiex relevanti li d-droga qatt ma waslet Malta ai fini tar-reat ta' assoċazzjoni jew li min kellu jipprovdihom baqa mistur. Kwindi evidentement l-ewwel Qorti xorta waħda setgħet issib ħtija fir-rigward ta' Bonello u Micallef għal dak li jirrigwarda l-assoċazzjoni fi traffikar tad-droga.

Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, għal dak li jirrigwarda l-posizzjoni li ħadet l-ewwel Qorti b' referenza għas-sentenzi kostituzzjonali dwar il-

validita' o meno tal-istqarrijiet, l-esponent Avukat Ġenerali jirrileva li ma jidhirx li hemm proċeduri pendenti li ttieħdu fil-konfront tal-istqarrijiet mogħtija mill-akkużati f' dawn il-proċeduri sabiex jiġi stabbilit jekk effettivament hemmx ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom senjatament tad-dritt ta' smiegħ xieraq minħabba n-nuqqas ta' assistenza legali jew almenu l-offerta għal tali assistenza. Jingħad ukoll li ħafna mis-sentenzi li qed jingħataw li għandhom priċipalment bħala bażi s-sentenza kostituzzjonali tal-ECHR ta' Borg vs Malta fil-biċċa kbira tagħhom jinstabu fi stadju ta' appell quddiem il-Qrati Kostituzzjonali ta' pajjiżna fejn allura għadu mhux magħruf f' dan l-istadju jekk l-ewwel sentenzi mogħtija fejn ġew skartati l-istqarrijiet mingħajr wisq riservi humiex ser jiġu kkonfermati jew le. Kwindi s-sentenzi li l-ewwel Qorti f' dan il-każ għamlet referenza għalihom fis-sentenza tagħha bil-għan li tiġi skartata l-validita' tal-istqarrijiet tal-appellati in kwistjoni essenzjalment għadhom mhumiex *res judicata* apparti li l-ewwel Qorti ma qisitx il-fattispeċi ta' dan il-każ fis-sens li ma' kkunsidratx jekk iċ-ċirkostanzi tal-appellati hijiex waħda identika ta' dawk il-persuni fejn fi stadju preliminari il-Qrati ddeċidew favur leżjoni minħabba l-istqarrijiet tagħhom. In oltre u kif ipprospettat ripetutament f' diversi kawżi Kostituzzjonali, wieħed irid iqis l-assjem tal-proċedura kollha biex jara jekk kienx hemm xi ksur u tajjeb li wieħed iqis ukoll jekk hemmx provi oħrajn li jistgħu wwasslu għall-ħtija tal-imputat li jkun, irrispettivament għall-istaqarrija jew aħjar għall-proċedura adoperata fit-teħid tal-istqarrija. Tajjeb ukoll li hawnhekk issir referenza għall-artikolu 349(2) tal-Kodiċi Kriminali li jaqa taħt it-titolu dwar is-setgħat u d-dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva fil-proċedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assitenża legali. Dan l-artikolu jinqara kif ġej:

**349**.*(1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f' din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.*

(2) *L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m' għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b' mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.*[4]

Kwindi jekk qedgħin nikkonċedu *ex gratia argomenti* li l-appellati ma ngħatawx l-opportunita li jikkonsultaw ma avukat u minħabba f' hekk huma potenzjalment qegħdu lilhom innfushom f' posizzjoni preġudikanti li setgħet tinkriminhom u li kwindi tista twassal għall-lezjoni tad-drittijiet tagħhom, tali ommissjoni ta' formalità jew ħtieġa, mhuwiex ostakolu għall-ammissibbilità tal-provi u kwindi l-Qorti ma setgħetx ma tapprezzax din il-prova u sempliċiment tiskartha' minħabba n-nuqqas tal-preżenza tal-Avukat fil-*pre-trial stage,* iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-liġi ta' dak iż-żmien. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli tħares xi waħda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli għan-nuqqasijiet da parti tagħha iżda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas tagħhom, il-prova li tkun inġabret fiha nnifisha tispiċċa fix-xejn.

Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, għal dak li jirrigwarda l-provi ewlenija f' dan il-każ hemm l-interċettazzjonijiet telefoniċi li essenzjalment ġew ikkonfermati *in toto* mill-appellati stess, inkluż allura Bonello u Micallef matul l-interrogazzjonijiet tagħhom u matul l-arrest tagħhom. Skond l-ewwel Qorti dawn l-interċettazjonijiet m' għandhom l-ebda saħħa mingħajr l-istqarrijiet u fi kliem l-ewwel Qorti stess dawn ' jistrieħu fuq suposizzjonijiet u konġetturi, u għalhekk ma jistgħux jikkonstitwixxu prova' . Rigward dawn l-interċettazzjonijiet jibda biex jingħad li dawn ittieħdu skond il-liġi bil-*warrant* relattivi maħruġin mill-Ministru responsabbli, liema warrants ġew eżebiti in atti mix-xhud Herbert Agius[5] filwaqt li t-traskrizzjonijiet tal-interċetazzjonijiet telefoniċi jinstabu eżebiti fil-Volum immarkat B mal-atti proċesswali. Dawn allura huma ndubbjament prova legali u ammissibbli li

[4] Emfażi tal-appellant.
[5] Folio 241 tal-Atti proċesswali – Dok T fit-tieni volum tal-Proċess.

ma jistgħux jiġu skartati jew imwarba għas-sempliċi fatt li fil-fehma tal-ewwel Qorti l-istqarrijiet tal-appellati għandhom jiġu skartati minħabba sentenza konċernanti kawżi oħrajn. Huwa għalhekk essenzjali li din il-Qorti tieħu qies tas-sottomissjoni hawnhekk magħmula f' dan l-appell rigward l-estent ta' konsiderazzjoni ta' dawn l-istqarrijiet u l-importanza tagħhom flimkien ma provi oħrajn f' dan il-każ. Apparti minn hekk hemm id-deposizzjoni ta' diversi xhieda oħra senjatament l-investigaturi f' dan il-każ li wkoll jikkonfermaw dak li l-appellati qalulhom fl-istqarrijiet li rrilaxxaw, inkluż il-konferma tal-interċetazzjonijiet telefoniċi u tan-numru tagħhom u liema dikjarazzjonijiet bil-ġurament tagħhom ma jistgħux jiġu skartati lanqas[6].

Illi ukoll rigward l-interċetazzjonijiet telefoniċi jingħad ukoll li dawn jagħtu ħafna nformazzjoni dwar l-avvenimenti formanti l-mertu ta' dan il-każ u l-akkuża li dwaru qed isir appell (assoċazzjoni fi traffikar tad-droga). Filwaqt li l-kelma droga qatt ma tisemma, jibda biex jingħad illi matul il-komunikazzjonijiet jintużaw l-ismijiet tal-appellati jew il-laqam (per eżempju Publius Micallef huwa magħruf bħala l-Powie), liema informazzjoni ġiet ikkonfermata mill-investigaturi f' dan il-każ apparti mill-appellati bl-istqarrijiet tagħhom. In oltre anki l-konversazzjonijiet fihom nfushom huma ben indikattivi tal-intriċċi illeċiti li kienu qedgħin isiru bejn l-appellati u tar-rwol li kellhom u tal-flejjes li kellhom jagħddu bl-ammonti pretiżi. Jidher ukoll ċar u spjegat il-pjan li kien qed jisvolġi u l-modus operandi ta' dak li kellu jsir biex id-droga tidħol ġo pajjiżna. Kwindi fl-umli fehma tas-sottoskritta, dawn l-interċetazzjonijiet meqjusa fid-dawl tax-xhieda matul il-proċedura kif ukoll fid-dawl tal-konferma tal-istqarrijiet tal-appellati huma wisq iktar minn konġettura. Jingħad umilment li anki jekk din il-Qorti kellha tiskarta l-istqarrijiet, xorta waħda l-kontenut ta' dawn l-interċetazzjonijiet u l-provi l-oħra għandhom jikkonstitwixxu prova suffiċjenti sabiex iwasslu għar-responsabbilta' kriminali fil-konfront ta' Bonello u Micallef tal-akkuża ta' assoċazzjoni fit-traffikar tad-droga.

[6] Ara x-xhieda tal-ex AC Michael Cassar, l-ex AC Norbert Ciappara u l-ex AC Neil Harrison a folio 44, 74 u 93 et seq u rispettivament.

Illi finalment jekk din il-Qorti tkun tal-opinjoni tal-appellati Bonello u Micallef għandhom jinstabu ħatja tal-akkuża tal-assoċazzjoni kif miġjuba kontrihom u għar-raġunijiet premessi mill-Avukat Ġenerali f' dan l-appell, jingħad ukoll li konsegwenzjalment l-appellat Publius Micallef għandu jiġi ddikjarat reċidiv skond il-liġi u dan ukoll fid-dawl tal-prova miġjuba quddiem l-ewwel qorti għal dan il-fini, senjatament permezz tax-xhieda ta' l-ex spettur John Mifsud li kkonferma sentenza eżebita fil-konfront tal-appellat in kwistjoni a folio 228 et seq tal-proċess[7]. In oltre għal dak li jirrigwarda Raymond Bonello fl-eventwalita' ta' ħtija tar-reat ta' assoċazzjoni l-Qorti trid tqis ukoll ir-responsabbilta' tiegħu ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali u dan fid-dawl tal-fatt li skond ix-xhieda ta' Lt. Carmel Mercieca, Bonello kien suldat fi żmien l-akkużi mertu ta' dawn il-proċeduri u għaldaqstant kien uffiċjal pubbliku li kellu jipprevjeni l-komportament tiegħu f' dan il-każ[8].

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-liberatorja favur tnejn mill-imputati Publius Micallef u Raymond Bonello mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom dwar ir-reat tal-assocjazzjoni fit-traffikar tad-droga kokajina.

Illi l-*iter* processwali ta' dan il-kaz kien wiehed piuttost twil li inbeda lura fil-21 ta' Lulju 2001, bl-atti jibdew jigu ikkumpilati quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex imbaghad fis-sena 2005 tinhareg l-Att ta'l-Akkuza fil-konfront ta' sitt akkuzati. Madanakollu b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Lulju 2006, il-proceduri kumpilatorji gew iddikjarati nulli u allura kellhom jergghu jinbdew mill-gdid bil-provi kollha, ukoll, necessarjament, jergghu jinstemghu mill-gdid quddiem il-Qorti

[7] Ara folio 394 u 652 et seq tal-atti proċesswali.
[8] Ara folio 980 tal-atti proċesswali.

Istruttorja sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti bhal din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni huma prekluzi milli jiehdu konjizzjoni ta' kull prova illi giet migbura fl-ewwel fazi kumpilatorja. Matul it-tieni fazi kumpilatorja, izda l-Avukat Generali ghogbu johrog il-kontro-ordni sabiex b'hekk l-appellati setghu jigu iggudikati mill-Qorti inferjuri.

Issa ibda biex huwa evidenti illi l-ewwel akkuza imputata lill-appellati hija imsejsa fuq ir-reat mahsub fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-Avukat Generali allura jilmenta illi ghalkemm ma hemm l-ebda droga esebieta in atti u ghalkemm il-fornitur Taljan tad-droga baqa' injot bl-allegat skambju ta' droga u flus qatt ma issehh, madanakollu dawn il-fatturi ma humiex mehtiega sabiex jissussiti r-reat ta'l-assocjazzjoni billi prova dwar l-allegat ftehim bejn il-ko-partecipanti f'din l-operazzjoni ta' narkotici giet stabbilita b'mod inekwivoku. Ma kienx hemm allura il-htiega li issir prova dwar is-success tal-pjan jew li dan gie iffinalizzat billi il-prova li kien jezisti xi pjan bejn tnejn minn nies jew aktar ai fini ta' bejgh jew traffikar ta' droga hija sufficjenti.

Il-Qorti tistqarr minnufih illi l-provi li hemm fl-atti huma piuttost skarni bix-xhieda ewlenija tkun dik tal-ufficjali investigattivi Neil Harrison u Norbert Ciappara, u il-pulizija l-ohra involuti f'din l-investigazzjoni kriminali, kif ukoll dik ta' Herbert Agius, Kap tas-Servizzi tas-Sigurta li xehed dwar l-intercettazzjoniiet tat-telefonati li saru u ezebixxa traskrizzjonijiet ta'l-istess. Jirrizulta illi inkjesta qatt ma saret, ghalkemm hemm esebieti fl-atti ix-xhieda guramentata ta' zewg ko-akkuzati Jason Manuel Briffa u Joseph Grech, dan ta'l-ahhar illum defunt. Apparti dan, hemm ukoll fl-atti l-istqarrijiet ta'l-appellati b'dik ta' Raymond Bonello datata 18 ta' Lulju 2001, Dokumenti RB1 tinsab a fol. 680 (Volume C) tal-process u l-istqarrija ta' Publius Micallef datata 19 ta' Lulju 2001, Dokument PM1 esebieta a fol.687 (Volume C). Ghalkemm jidher illi kienu gew elevati xi *mobile phones* u ukoll ghalkemm ix-xhieda ewlenija tal-Prosekuzzjoni tistrieh fuq intercettazzjoni ta' telefonati, espert tat-telefonja qatt ma gie innominat tul il-proceduri sabiex jezamina il-kontenut tac-cellulari esebieti u sabiex jigi stabbilit liema linji telefonici kienu involuti fl-iskambju

tat-telefonati formanti parti l-intercettazzjonijiet illi saru biex b'hekk kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, il-provi huma ghal kollox mankanti. Dan x'aktarx ghaliex il-Prosekuzzjoni hasset illi setghet tistrieh fuq l-istqarrijiet rilaxxajti mill-imputati li fil-fehma taghhom kienu imsahha bit-telefonati intercettati. Fil-fatt anke kif jirrizulta mill-verbal maghmul mill-Ufficjal Prosekutur tat-02 ta' Mejju 2012, droga qatt ma giet esebieta izda tissemma biss fl-istqarrijiet ta' xi uhud mill-imputati (fol.938 tal-process.).

Issa kif jirrizulta mid-decizjoni impunjata l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrijiet tal-imputati u dan fid-dawl tal-insenjament tramandat lilna mill-pronunzjamenti kostituzzjonali recenti fir-rigward. Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti qabilha u dan ghaliex illum giet kristallizzata l-posizzjoni fid-dritt penali malti fejn persuna suspettata ma tkunx giet moghtija assistenza legali meta tirrilaxxja stqarrija ghaliex il-ligi f'dak iz-zmien kienet tipprekludi dan id-dritt b'mod sistematiku fejn kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setghet hekk ghamlet hija lesiva tad-dritt taghha ghal smigh xieraq. Dan ghaliex il-konfessjoni minnu maghmula titqies bhala prova f'awla tal-Qorti. Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, kellha diga okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza minn ghand l-avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuqha sabiex issib xi htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura ikun hemm ir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq[9].

Illum il-legislatur irregola din il-kwistjoni darba ghal dejjem, ukoll sabiex jigi in linja mal-ligi komunitarja fir-rigward, u dan meta bl-Att LI tal-2016 sehhet it-traspozizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

[9] Ara Il-Pulizija vs Joseph Camilleri – 25/02/2016;

tat-22 ta'Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru 2013 (L 294/1).

Dan ifisser allura illi kuntrarjament ghal dak li jishaq l-Avukat Generali fil-lanjanza tieghu fir-rigward tal-istqarrijiet tal-imputati, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet fid-dawl ta' dawn l-izviluppi fid-dritt penali ta' pajjizna tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe konfessjoni li setghu ghamlu l-imputati lura fl-2001 meta gew arrestati u interrogati mill-pulizija billi tali konfessjoni giet minnhom rilaxxjati fiz-zmien meta il-ligi taghna b'mod sistematiku kienet tipprekludi lil persuna suspettata milli ikollha l-assistenza legali meta tkun qed tigi interrogata u dan ghal fini illi kwalunkwe konfessjoni tkun tista', kif fil-fatt sehh tingieb bhala prova fil-konfront taghhom fil-qorti.

Skartati kwindi l-istqarrijiet tal-imputati, l-Ewwel Qorti ftit li xejn kellha provi li setghu isahhu l-akkuzi migjuba kontra taghhom inkluza allura l-ewwel akkuza intentata kontra l-appellati odjerni u cioe' dik ta'l-assocjazzjoni ai fini ta' traffikar ta' droga. Ibda biex ghalkem fl-atti hemm zewg stqarrijiet guramentati wahda ta' Jason Manuel Briffa u l-ohra ta' Joseph Grech, ko-akkuzati mal-appellati, mehuda fit-termini ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kienet prekluza skont il-ligi milli tiehu konjizzjoni taghhom u dan ghas-segwenti motivi. Illi fl-ewwel lok, dawn iz-zewg persuni, li kif inghad kienu ko-akkuzati mal-appellati f'dawn il-proceduri qatt ma ingiebu mill-prosekuzzjoni sabiex jiddeponu. Illi x'aktarx dan sehh billi jidher illi l-proceduri kriminali fil-konfront ta' Jason Manuel Briffa kienu ghadhom ma gewx konkluzi sat-tmiem tal-proceduri kontra l-appellati quddiem l-Ewwel Qorti. Illi imbaghad Joseph Grech miet fil-mori tal-proceduri in prim'istanza biex b'hekk il-figura tieghu baqghet dik bhala ko-akkuzat li qatt ma seta' jigi imgieghel jixhed quddiem l-Ewwel Qorti. Allura fi kwalunkwe

kaz id-difiza spiccat ma setax ikollha kontroll fuq dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies fix-xhieda guramentata taghhom quddiem l-Inkwirenti. Dan kien ifisser ghall-Ewwel Qorti illi kellha tiskarta dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies billi kien ikun perikoluz ferm li tistrieh fuq ix-xhieda ta' komplici fejn id-difiza qatt ma inghatat l-opportunita tikkontrolla dak mistqarr minnhom.

"… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu *does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings*[10]"

Illi allura din id-disposizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Biss din trid bil-fors tinqara bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali u cioe' fl-ewwel lok id-dritt ghas-silenzju tax-xhud li ghadu qed jiffaccja proceduri penali kontra tieghu u ukoll illi dak li jinghad mix-xhud f'tali stqarrija guramentata ghandu dejjem ikun assoggettat ghal kontroll tad-difiza u jekk id-difiza ma tkunx ezercitat dan id-dritt taghha allura l-Qorti tkun prekluza milli tistrieh fuq tali prova.

Jifdal bhala prova l-intercettazzjoni telefonici maghmula mis-Servizzi tas-Sigurta' liema traskrizzjonijiet huma esbieti in atti. Issa ibda biex il-persuni li effettwaw

[10] Il-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza 26/05/2003

dawn it-traskrizzjonijiet qatt ma jigu identifikati ghalkemm Herbert Agius, li fiz-zmien mertu tal-kaz kien il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta ighid illi ivverifika personalment it-traskrizzjonijiet mat-telefonati li gew irrekordjati u li saru bejn is-sitta minn nies involuti f'din l-allegata kongura u cioe' Jason Manuel Briffa, Joseph Grech, Saviour Azzopardi, Sandro Psaila, u l-appellati. Illi ukoll minn ezami ta'l-atti ghalkemm jidher illi kienu inharrgu diversi mandati sabiex jigu intercettati xi numri telefonici u ta' cellulari (fol.670 sa 675), madanakollu ma giex stabbilit mill-atti lil liema persuni jappartjenu dawn ic-cellulari jew numri tat-telefon. Dan qed jinghad ghaliex fl-atti hemm biss ix-xhieda ta' Charmaine Galea Triganza u Dr. Ingrid Zammit Young rapprezentanti tal-GoMobile (xhieda 26/11/2009 ikkonfermat dokument esebiet a fol.668/669 Dokument T) li tikkonferma fost numri ohra in-numru ta' linja fissa 21895249 bhala appartenenti lil Raymond Bonello. Mandat madanakollu marbut ma' dan in-numru tat-telefon u cioe' sabiex is-Servizzi tas-Sigurta ikollhom l-awtorita bil-ligi jintercettaw dan in-numru, fl-atti ma hemmx bl-uniku mandat fil-konfront ta' Raymond Bonello jindika n-numru cellulari 09474181 u dak fil-konfront ta' Publius Micallef 09443318. Konferma lil min jappartjenu dawn in-numri izda ma saritx bix-xhud rapprezentant tal-Vodafone ma tergax tingieb tixhed meta l-process penali jinbeda mill-gdid fil-konfront ta'l-appellati u il-ko-akkuzati l-ohra wara li il-proceduri inzijali gew iddikjarati nulli mill-Qorti Kriminali bis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, kif inghad. Dan ifisser allura illi dak kollu li jinghad fit-telefonati intercettati bl-ebda mod ma jorbot id-diskors li sar mal-persuni ta'l-appellati. Ma hemmx prova li tindika illi in-numri tat-telefowns li jirrizultaw mill-intercettazzjonijiet telefonici esebieti mis-Servizzi tas-Sigurta jappartjenu lill-appellati jew li kienu qed jaghmlu uzu minnhom huma meta saru dawk it-telefonati. Dan in-ness ma jigix stabilit. Kif lanqas ma hemm prova dwar il-kontenut tac-cellulari maqbuda mill-appellati fil-kors tal-investgazzjonijiet u li gew esebieti in atti. Din il-prova tant esssenzjali hija sfortunatament mankanti.

Illi allura ghalkemm huwa minnu, kif jishaq l-Avukat Generali, illi sabiex jissussiti ir-reat mahsub fl-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta'l-appellati hemm il-

htiega biss li jigi ippruvat il-pjan mahsub bejn tnejn minn nies jew iktar sabiex tinbiegh jew tigi itraffikata id-droga, minghajr il-prova tangibbli tad-droga jew tal-persuni li kellhom jissupplixxu din id-droga, madanakollu prova li kienet ghaddejja din il-kongura trid tissussisti mill-atti. Kif inghad skartata il-prova ta'l-istqarrijiet tal-appellati, skartata l-prova maghmula bl-istqarrijiet guramentata taz-zewg xhieda Jason Briffa u Joseph Grech u skartati l-intercettazzjonijiet telefonici, li *del resto* imkien ma isemmu il-kelma 'droga' jew x'tip ta' droga kienet ser tigi ittraffikata u f'liema kwantita, ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba, ma jifdal l-ebda prova fl-atti lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni li tipponta subajghha fid-direzzjoni ta' xi assocjazzjoni bejn il-persuni ta'l-appellati ghal fini li tigi ittrafikata id-droga. Dan ghaliex ix-xhieda tal-ufficjali investigattivi kollha li kienu involuti fil-kaz hija imsejsa fil-maggior parti taghha fuq l-intercettazzjonijiet telefonici u l-istqarrijiet lilhom maghmula mill-imputati minghajr id-debita assistenza legali, li kif inghad bl-izviluppi li sehhew fil-ligi penali taghna ma jistghux iktar jitqiesu bhala prova valida u li fuqhom qorti tista' isejjes xi htija. Investigazzjonijiet ohra ma sarux, il-*mobile phones* elevati qatt ma gew ezaminati u allura bil-fatt illi fil-jum indikata fl-akkuza il-pulizija waqqfu lil Briffa, lil Angelo Zahra u lill-appellati u arrestaw lill-persuni l-ohra allegatament involuti, ma hijiex prova wahedha ta' dan l-allegat ftehim jew pjan mahsub li kien ghaddej bejn dawn in-nies.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-appell ta'l-Avukat Generali qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur